KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

Ref: 5/67/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru. 67**

Il-Kunsill iltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch.

Il-Vici-Sindku Alfred Borg kien skuzat. Il-membri tal-kunsill accettaw li dan il-Kunsillier msemmi kien skuzat fuq ragunijiet personali.

Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.20pm u l-Kunsillier Ferris dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-laqgha.

Is-Sindku talab sospenzjoni ta' l-Agenda biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti stqarrija li dehret fuq Net Tv. Il-Membri prezenti qabblu ma' dan.

Wara diskussjoni sar qbil unanimu li l-Kunsill johrog l-offerti ghal dawn it-toroq:

Triq Inverness, Triq San Edwardu, Triq ic-Cimiterju, Triq Sant Ubaldeska, Triq Nazzarenu, Triq Melita, Triq it-Tifkiera, li l-ammont huwa ta madwar 110K.

Gie maqbul unanimament li ghandha tinhareg din l-istqarrija:

Mhux minnu li l-iskema tal-PPP kienet rinunzjata mill-Kunsill Lokali Paola.

Is-Sindku Domnic Grima u l-Kunsill Lokali Paola jichdu kategorikament illi is-Sindku ha xi decizjoni minn wara dahar il-kunsilliera u l-kunsill li permezz taghha intilfu fondi mill-iskema Public Private Partnership.

Il-Kunsill Lokali Paola kien temporanjament qieghed jiddiskuti kemm ser ikun is-sehem finanzjarju tieghu f'din l-iskema.

Kuntrarjament ghall-impressjoni li nghatat fis-servizz mxandar fuq Net News u Radio 101 u fl-istorja ppubblikata fuq in-Nazzjon u l-Maltarightnow, il-gvern taht din l-iskema se johrog biss terz ta' l-ispejjez u z-zewg terzi l-ohra jridu johorgu mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill Lokali Paola mhux se jippermetti li jkun b'deficit u ghalhekk b'serjeta u risponsabilita kbira rega ikkunsidra l-iskema u ddecieda li l-Kunsill ghandu jippartecipa fiha.

Il-Kunsill Lokali Poala jtenni mill-gdid l-impenn tieghu biex ikompli jwettaq diversi inizjattivi u progetti fil-lokalita' ta' Paola, li mhumiex limitati biss ghall-asfaltar tat-toroq, halli kif ghamel fl-ahhar snin ikompli jtejjeb l-ambjent u l-kwalita' ta' hajja tar-residenti Pawlisti.

Dan id-dritt ta' Risposta ghandu jinqara u jkun ippublikat fit-totalita' tieghu kif stabilit f'artiklu 21 tal-Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan id-dritt ta' risposta m'ghandu bl-ebda mod jippregudika xi tip ta'azzjoni legali futura li l-Kunsill Lokali Paola jew il-membri tieghu jistghu jiehdu biex jipprotegu l-integrita' taghhom.

1) **Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 66**

1.1 – Dawn il-minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Materji Konnessi**

**Item 3.1** – Il-Kunsillier Dalli staqsa x'sar fuq il-kont ta' Triq l-Arkata. Is-Segretarju qal li kellu laqgha mal-perit u rrizulta li l-perit kien ha zball fil-kontijiet, l-ammont finali fuq iz-zewg tenders huwa ta 154K. Waqt ix-xoghol resident tkissritlu irhama , l-ispejjes jammontaww ghal €300 u ser ihallashom il-kuntrattur jew ahjar jonqsu mil kont.

**Item 3.4** – Is-Sindku qal li l-Kunsillier Ferris gab l-flus lill-Kunsill nhar il-Hamis 27 ta' Ottubru 2011.

**Korrezzjonijiet**

**Item 4.1** – ghandha tinbidel id-data minn nhar l-Erbgha 21 ta' Dicembru 2011 minn 12.00pm sal-4.00pm **ghal nhar il-Hamis 22 ta' Dicembru 2011 mis-7.00pm 'l quddiem.**

**Item 4.5** - ghandha tinbidel id-data minn nhar il-Hamis 22 ta' Dicembru 2011 ghal **nhar l-Erbgha 22 ta' Dicembru 2011.**

2) **Korrispondenza**

2.1 – Ittra mill-Kullegg San Gorg Preca, Skola Primarja A, Paola – Il-Kap tal-Iskola , Ms Josette Cassar baghtet ittra lill-kunsill minhabba li jixtiequ l-ghajnuna tal-Kunsill biex jibdew jitqieghdu l-bollards biex b'hekk jinghalqu t-toroq ta' madwar l-iskola. Wara diskussjoni, gie deciz li l-

Kunsill jibghat ittra lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex tibda tinghalaq it-triq minhabba s-sigurta' tat-tfal tal-iskola.

2.2 – Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Is-Sur Paul Joseph Pace baghat ittra dwar is-Swieq fil-Berah fejn qed jaghmel referenza ghall-Memo 73/2011 li tirrigwarda r-riorganizzazzjoni tas-swieq fil-berah – Wara diskussjoni, gie deciz li l-Kunsill Lokali jibghat l-lista l-antika tas-suq lid-dipartiment.

2.3 – Saret diskussjoni dwar il-Bye-Laws u gie deciz li s-Segretarju ghandu jivverifika dwar dan u wara jintbaghtu.

2.4 – Il-Kunsillier Seychell talab biex issir applikazzjoni mal-Enemalta biex issir bozza gdida fi Triq is-Sultana hdejn il-Muzew. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

**3) Skema *Housing***

3.1 – Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jippartecipa f'din l-iskema li ser tinkludi l-flats ta' Lourdes, dawk li hemm hdejn l-MCAST u l-flats tal-Gvern ta' Triq l-Arkata (Civic Centre) fejn jarma s-suq.

**4) Armar Milied 2011**

4.1 – Bhal snin ohra, il-Kunsill Lokali Paola ddecieda li ha johorgu l-*quotations* tal-armar tal-Milied tal-Pjazza Antoine De Paule u ta' Lourdes.

**5) Attivitajiet Milied 2011**

5.1 – Il-Kunsillier Lynch qal li l-*party* tal-Milied ghat-tfal ser isir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru 2011. Hu ssuggerixxa li l-*party* jsir fis-Sala tal-Kunsill Lokali minhabba li dakinhar fil-*Paola Youth Centre* ser ikun hemm attivita' ohra. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li l-party isir fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

5.2 - Il-Kunsillier Lynch qal li l-*Party* tal-Milied ghall-anzjani ser isir nhar it-Tlieta 20 ta' Dicembru 2011 fil-Palace Theatre, Triq Hal Tarxien, Paola. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

5.3 – Il-Kunsillier Lynch zied jghid ukoll li l-ikla tal-Milied ghall-istaff u *partners* ser issir fil-Lukanda Inter-Continental, f'Paceville. Wara diskussjoni, gie deciz li l-Kunsillier Lynch ghandu jiccekkja d-data tal-ikla u jinforma lill-Kunsill aktar 'l quddiem.

**6) *Height Restriction Arcade Street***

6.1 - Il-Kunsill iddecieda li japplika ghal *Height restrictions f'Arcade Street* permezz ta' pipe bil-ktajjen kif isir f'postijiet ohra fl-Ewropa.

7) **Pagamenti**

7.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

7.2 – Re Cekk nru 4065 – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju qal li dan il-pagament tal-perit tax-xoghol li sar fi Gnien Pawlu Boffa (*embellishing works at Paul Boffa Gardens)*

8) **Aggornament**

8.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fis-7.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 6 ta' Dicembru 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 6 Dec 2011

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku